MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1777/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghas-socjeta estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Bjorn Bonello u l-istess Bjorn Bonello**

**vs**

**Paul Attard**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm518.51) rappresentanti danni sofferti fl-incident stradali li sehh f'B'Kara fit-2 ta' Mejju 2002 bejn Toyota Yaris numru BON 310 misjuqa mill-attur u Bedford numru KAH 874 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident stradali il-konvenut kien

responsabbli, kwantu ghal Lm421.51 sofferti mis-socjeta attrici u Lm97 danni sofferti mill-attur Bjorn Bonello.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta’ ittra u konsult, dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali min-notifika ta’l-avviz, kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lilll-atturi s-somma ta’ hames mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm518.51), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Settembru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------